# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Ottubru, 1999.

**Numru 81**

**Citaz. numru 849/83**

John Bundy
vs
Mavis Borg u b'digriet ta' l-10 ta' Marzu 1993 gew mizjuda l-kliem "illum maghrufa bhala Mavis Gaffiero

Illum, 11 ta' Ottubru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Lulju 1983 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuta hassret l-gherusija taghha ma' l-attur ghall-motivi imputabbli ghaliha u minghajr giusta kawza.

Illi l-attur sofra danni liema danni jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza.

talab lil din il-Qorti tiddikjara li r-rezilment ta' l-isponsali hu imputabbli ghall-konvenuta u tikkundannaha thallas lill-attur dak l-ammont li jigi likwidat minn din il-Qorti in linea ta' danni sofferti mill-istess attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' Impediment tal-Partenza u tal-mandat ta' Inibizzjoni tat-28 ta' Gunju kontra l-konvenuta li tibqa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-gherusija thassret ghal ragunijiet imputabbli lill-attur u mhux lill-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 1984 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar id-domanda attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-2 ta' Ottubru 1990 li permezz tieghu gie sostitwit ghall-imsemmi perit legali l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bl-istess inkarigu u fakultajiet;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-2 ta' Mejju 1995;

Rat id-digriet tas-26 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu gew nominati bhala periti addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Borg, l-Avukat Dottor Tonio Mallia u l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;

Rat ir-relazzjoni minnhom prezentata u mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni opportuna;

Ikkunsidrat illi:-

Jirrizulta li l-partijiet kienu tgharsu fid-29 ta' Novembru 1982 u effettivament kienu ffissaw is-6 ta' Mejju 1983 bhala d-data taz-zwieg. It-thassir ta' l-gherusija sar fl-10 ta' Frar 1983 fid-dar tal-genituri ta' l-attur meta nehhiet ic-curkett ta' l-engagement, tefghetu go ashtray u telqet 'il barra minghajr ma tat raguni ghaliex kienet ghamlet hekk. Jidher li kien hemm okkazjonijiet precedenti meta l-konvenuta agixxiet b'dan il-mod izda l-ghada rrangaw.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon jikkummenta hekk:

"Jidher manifest li l-konvenuta bla ebda raguni sensata kienet thoss tissottometti lill-attur ghall-prova billi thassar u mbaghad tistennieh imur lura biex jirranga. Imgieba tali la turi maturita' u lanqas rieda serja ta' mhabba da parti ta' l-istess konvenuta. Il-konvenuta 'laghbet loghba' riskjuza tant li fl-ahhar l-gharus xeba' u ma marx lura biex jirranga. Il-konvenuta tghid: 'Qabel cempel kont bqajt ma' ommi li jekk icempel tghidlu biex jigi ghall-affarijiet tieghu bhal stereo, crieket tat-tieg u flus **biex tara xi tkun ir-reazzjoni**.

Certament mhux atteggjament konsiderat da parti ta' gharusa fil-procint ta' zwieg li ssabbat ic-curkett tal-gherusija f'ashtray fid-dar tal-familjari tal-gharus. Multo magis meta jirrizulta wkoll li hi rritornat lura l-isteady ring lill-attur xi tliet darbiet. Ragunijiet li tat il-konvenuta biex tiggustifika l-komportament taghha ('Dan ghax l-attur kien ighidli biex ma naghmilx certu make-up, ma nohrogx ma' xi habiba, u ma mmurx 'il hemm u ma mmurx 'il hawn') ma kinux tali li tarmi l-isteady ring mal-art f'Dockyard Street (haga li l-konvenuta stess tghid li jista' jkun li ghamlet!).

Il-konvenuta tghid: 'Bhala fatt ma nafx li l-attur kellu ghajn haddiehor, fis-sens li kien qed johrog ma' xi hadd pero' mill-mod kif kien jirreagixxi tani x'nahseb f'dan is-sens.' Hemm inkonsistenza fil-logika tal-konvenuta: jew kienet tidejjaq ghax l-gharus ighir ghaliha ghax tmur ma' certi hbieb u tmur 'il hemm u tmur 'il hawn u ta' dan ittieh lura ghal xi tliet darbiet l-isteady ring jew inkella tarmi l-engagement ring go ashtray u thassar l-gherusija ghax dahlilha f'rasha li l-gharus ghandu ohra.

Ma tistax tlum lill-attur li, abitwat ghall-kapricci tal-konvenuta, in procint li jaghmel l-iktar pass serju ta' hajtu, ma jergax jirranga meta jara li l-gharusa tieghu tarmilu l-engagement ring go dar ommu f'ashtray. Jekk dan kien se jkun l-atteggjament tal-konvenuta fiz-zwieg allura ahjar li tispicca gherusija qabel ikun tard wisq.

Ix-xiehda spassjonata u imparzjali ta' Mario Borg hu l-konvenuta ssostni t-tezi attrici."

Huwa ghalhekk ikkonkluda li gherusija thassret unikament tort tal-konvenuta.

Il-periti addizzjonali huma ta' l-istess fehma:

"Illi l-konvenuta xehdet li ma kellhiex il-hsieb li tinkiser ma' l-attur imma riedet tipprovah. Certament dan la kien il-mument u lanqas il-mod. Ma

kienx il-mument ghaliex kienu qed isiru l-preparamenti ghat-tieg li kellu jsir f'inqas minn tliet xhur, u ma kienx il-mod ghaliex il-konvenuta qatt ma jmissha giebet ruhha bil-mod li ghamlet biex tumilja lill-attur li kellu jkun zewgha.

Illi, inoltre, il-konvenuta dehret resoluta li ma tirrangax ma' l-attur meta wara dan l-incident cemplilha, kif anke meta qabbdet lil ommha tghidlu biex imur jirtira hwejgu minghandha meta cempel it-tieni darba. Din ir-risoluzzjoni tidher ukoll mix-xiehda ta' Mary Calleja (fol.70).

Illi mill-provi ma jidhirx li l-konvenuta kellha raguni valida biex thassar l-gherusija. Min-naha l-ohra lanqas ma jidher li l-attur ghamel xi tort lill-konvenuta li induciha thassar.

Illi filwaqt li mhux car x'kienet ir-raguni li ghaliha l-konvenuta nkisret mal-konvenut, mill-incidenti ta' qabel fejn hija nehhiet ic-curkett tal-gherusija b'sinja; li ma riditx tkompli wiehed jista' jinduci li ma kenitx deciza li tizzewweg. Hija setghet kienet ukoll influwenzata mill-ittra anonima li rceviet gimaghtejn jew tlieta qabel thassret l-gherusija li l-kontenut taghha kien mahsub biex jiddiswadiha milli tghaddi ghaz-zwieg li kien ippjanat."

Issa fil-kamp ta' weghdiet taz-zwieg, il-Ligi dwar Weghdiet ta' Zwieg (Kap 5) tikkontempla illi d-danni jigu kkawzati meta l-weghda tinkiser "volontarjament u llegalment" u f'dak il-kaz "il-parti offiza ghandha jedd li tezercita l-azzjoni ta' danni … b'dak il-mod, u taht l-istess regoli stabbiliti mil-ligi ghat-talba ta' danni ghall-ksur ta' kull weghda, kuntratt, jew ftehim iehor." Min jonqos mill-weghda jrid ikollu raguni gravi ghal dan. U kif intqal fil-kawza fl-ismijiet "Inez Barbara vs Carmel Ghigo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fil-5 ta' Marzu 1991 (Vol. LXXV.ii.371), "dak li jikkwalifika l-gravita' tas-sitwazzjoni huwa r-rifless illi d-decizjoni li wiehed jizzewweg, cioe' l-obbligu li ghandu l-gharus jew l-gharusa, li jesegwixxi dak li jkun wieghed – in-natura tal-kuntratt imwieghed huwa tali illi rtirata minnu timponi gravita' ta' motivazzjoni."

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet tal-periti, waslet ghall-konkluzjoni li in effetti ma kien hemm l-ebda raguni gravi biex tiggustifika li l-konvenuta tikser l-gherusija u ghandha thallas lill-attur id-danni li issa se jigu likwidati.

Is-somma li qed jippretendi l-attur hija ta' Lm1040 kif ukoll qiegħed jippretendi li jiġu ritornati numru ta' "personal belongings" kif jidher mid-Dok. A li huwa esebixxa (fol. 226):

Dwar is-somma ta' Lm1000 dawn jikkonsistu fi spejjez li l-attur ghamel biex irranga d-dar li l-genituri ta' l-gharusa kienu qieghdu ghad-dispozizzjoni tal-partijiet biex ighixu fiha meta jizzewgu. Dawn l-ispejjez zgur saru in buona fede u bil-kunsens tal-konvenuta u l-genituri taghha. Bihom ghamel benefikat fid-dar u ghandu dritt jirkuprahom. L-istess jista' jinghad dwar is-somma ta' Lm40 li hallas bhala depoziti bi preparazzjoni ghat-tieg. Il-konvenuta ma tistax tilmenta li ma pproduciex rcevuti galadarba jirrizulta li dawn kienu tqieghdu ghad-dispozizzjoni ta' l-Avukat taghha u li, kif verbalizzat mill-istess Dr. Vincent Falzon (fol. 108 – 109), dan kien imbaghad ghaddihom lil (illum kompjant) P.L. D'Amato. Fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li l-konvenuta stess qed tikkontesta l-ammontanti tad-danni, la mill-eccezzjonijiet u lanqas mix-xiehda li tat. U lanqas ma ngabet xi prova kuntrarja ghal dak li xehed l-attur dwar l-ammonti msemmija. Difatti ghalkemm missier il-konvenuta, George Borg, ilmenta mill-eccessivita' tas-somma mitluba dwar spejjez fid-dar u wieghed li se jindika fejn huwa jqishom eccessivi, dan baqa' m'ghamlux. Id-danni qed ghalhekk jigu likwidati fis-somma ta' Lm1040. Naturalment huwa ghandu dritt ukoll li jiehu lura l-"personal belongings".

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li r-reziliment ta' l-isponsali hu imputabbli lill-konvenuta, tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm1040 u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma ta' Lm1040. Inoltre tikkundannaha tirritorna lill-attur il-guitar amplifier, il-photo camera, il-flight information books, il-personal photos u l-engagement photos and album. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Grazio Galea
D/Registratur